# L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Marzu tal-2024

NR 072/2024 Data tal-Ħruġ: 23 ta' April 2024

*F'Marzu 2024, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI) kienet ta' 1.9 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta' 2.3 fil-mija rreġistrata fi Frar 2024.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

L-ogħla rati ta' inflazzjoni f'Marzu 2024 kienu rreġistrati għall-Prodotti u servizzi oħra (5.6 fil-mija) u l-Ikel (5.1 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati baxxi ta' inflazzjoni annwali kienu rreġistrati għat-Trasport u l-komunikazzjoni (-2.6 fil-mija) u l-Ħwejjeġ u ż-żraben (-2.3 fil-mija) (Tabelli nri 1 u 4).

## Ċart nru 1. Rati tal-inflazzjoni




## Ċart nru 2. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni għall-għaxar gruppi

Marzu 2024




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

F'Marzu 2024, l-akbar kontribuzzjoni pożittiva lill-inflazzjoni annwali ġiet mill-Indiċi tal-Ikel (+1.10 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tat-take-aways. It-tieni u t-tielet l-akbar kontribuzzjonijiet kienu nnotati fl-Indiċi ta' Prodotti u servizzi oħra (+0.41 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Kura personali u s-saħħa (+0.33 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-prodotti tat-tindif u oġġetti għall-indafa personali, rispettivament.

Il-kontribuzzjonijiet negattivi lill-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Indiċi tat-Trasport u l-komunikazzjoni (-0.58 punti perċentwali) u l-Ħwejjeġ u ż-żraben (-0.15 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas tas-servizzi tal-mowbajl u l-ħwejjeġ, rispettivament (Ċart nru 3, Tabella nru 5).

## Ċart nru 3. Il-kontribuzzjonijiet tal-għaxar gruppi lir-rata annwali tal-inflazzjoni

Marzu 2024




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
3. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 5.

**L-aggregati**

F'Marzu 2024, l-Indiċi tal-Prodotti u servizzi oħra rreġistra l-ogħla rata annwali ta' inflazzjoni b'5.6 fil-mija, li minnha l-Ġojjelli, arloġġi tal-idejn u oġġetti oħra rreġistraw rata annwali ta' 4.6 fil-mija, il-Prodotti li jintużaw għall-ħasil u t-tisjir irreġistraw rata annwali ta' 10.8 fil-mija, is-Servizzi veterinarji (inkluż ikel għall-annimali domestiċi) u servizzi domestiċi rreġistraw rata annwali ta' 1.2 fil-mija, waqt li l-Assigurazzjonijiet, servizzi finanzjarji u servizzi oħra rreġistraw rata annwali ta' 5.3 fil-mija.

L-Indiċi tat-Trasport u l-komunikazzjoni rreġistra l-aktar rata annwali baxxa ta' inflazzjoni b' -2.6 fil-mija, li minnha t-Trasport irregistra rata annwali ta' -1.6 fil-mija u l-Komunikazzjoni rreġistrat rata annwali ta' -6.2 fil-mija (Tabelli nri 1 u 3).